StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**

**1.** It-test li jinqara.

**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.

**3.** Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Ronnie l-Ħmar.***<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **5 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **5 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **5 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu billi jagħmlu linja taħt it-tweġiba t-tajba.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **5 minuti** |
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **5 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss għal kull tweġiba. | **5 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Ronnie l-Ħmar

## *L-Ewwel Parti*

1. Ronnie kien ħmar ħelu ta' lewn griż b'salib iswed fuq dahru. Kien il-ħmar ta' Pietru tal-ħaxix u xogħlu kien li jġorr l-ixkejjer li Pietru kien jgħabbilu fuq dahru.

2. Ronnie kien ħmar ferrieħi. Kien għadu żgħir u b'saħħtu u x-xogħol tiegħu kien jogħġbu għax hu kien iħobb idur.

3. Jum wieħed Ronnie ma bediex iħossu sew. Kien kemxejn stordut, kellu ħakk fi mnieħru u għatas għall-ewwel darba!

4. Qatt f'ħajtu ma kien għatas u inkwieta tgħidx kemm. Ħass rasu ddur bih u ma setax jifhem x'kien qed jiġrilu.

## *It-Tieni Parti*

5. Għall-ewwel ħaseb li mnieħru kien qed jieklu għax daħlitlu xi rixa tal-għasafar li kienu qed ipespsu fis-siġar. Iżda ma kienet daħlitlu l-ebda rixa.

6. Imbagħad għaddielu minn moħħu li kien kiel xi ħaġa li kellha l-bżar, iżda ma setax jiftakar li xi darba qatt daqu l-bżar!

7. X'ħin qorob ħdejn Liża, waħda mill-baqar tar-Razzett il-Kbir, fetaħ qalbu u qalilha kemm kien inkwetat.

8. Liża daħqet bil-qalb u fehmitu li ma kellux għalfejn jinkwieta. Il-bidwi tagħha kull xitwa kien jiġrilu l-istess ħaġa. Milli jidher Ronnie l-ħmar kienet qabditu l-influwenza!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

| **IL-MARKA** |
|---|
| ____ **15** |

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Ronnie l-Ħmar

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

## L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Ronnie kien | | żiemel. |
| | | | ħmar. |
| | | | għasfur. |
| | | | baqra. |
| | | | |
| **2.** | Kien ta' kulur | | griż b'salib iswed fuq dahru. |
| | | | abjad b'salib griż fuq dahru. |
| | | | iswed b'salib griż fuq dahru. |
| | | | griż b'salib abjad fuq dahru. |
| | | | |
| **3.** | Kien il-ħmar ta' | | Pietru tal-ħaxix. |
| | | | Ronnie tal-ħaxix. |
| | | | Liża l-baqra. |
| | | | bidwi tar-Razzett iż-Żgħir. |
| | | | |
| **4.** | Ronnie kien iħobb xogħlu għax | | kien iħobb jiekol il-ħaxix. |
| | | | kien iħobb idur. |
| | | | kien jiltaqa' ma' Liża. |
| | | | kien ġeneruż. |
| | | | |
| **5.** | Ronnie kellu | | widnejh isaffru u deni. |
| | | | sturdament u ħakk fi mnieħru. |
| | | | rasu tuġgħu u mnieħru jaħarqu. |
| | | | sturdament u ngħas. |
| | | | |
| **6.** | Għall-ewwel darba f'ħajtu Ronnie | | xeraq. |
| | | | raqad. |
| | | | għatas. |
| | | | sogħol. |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | Ronnie ħaseb li mnieħru kien qed jieklu għax fih daħlitlu | | żunżana. |
| | | | dubbiena. |
| | | | farfett. |
| | | | rixa. |
| | | | |
| **8.** | Ronnie qatt ma kien daq | | il-bżar. |
| | | | il-ħjar. |
| | | | il-ħaxix. |
| | | | il-ħalib. |
| | | | |
| **9.** | Liża kienet | | il-baqra l-kbira tar-razzett. |
| | | | il-baqra tar-Razzett il-Kbir. |
| | | | it-tifla tal-bidwi l-kbir. |
| | | | it-tifla l-kbira tal-bidwi. |
| | | | |
| **10.** | Ronnie kien qal lil Liża li kien | | ferħan. |
| | | | għajjien. |
| | | | inkwetat. |
| | | | kuntent. |
| | | | |
| **11. *** | **"Għaddielu minn moħħu"** tfisser | | ma tax kas. |
| | | | ħaseb. |
| | | | inkwieta. |
| | | | nesa. |
| | | | |
| **12.** | Ronnie l-ħmar kellu | | s-sogħla. |
| | | | d-deni. |
| | | | l-ażma. |
| | | | l-influwenza. |
| | | | |
| **13. *** | **"Daħqet bil-qalb"** tfisser | | daħqet bilfors. |
| | | | tbissmet. |
| | | | ħadet gost tidħaq. |
| | | | daħqet ftit. |

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKA**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning***
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2011**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________ **Il-klassi:** ________

| Il-Marki | Il-Fehim mis-Smigħ | Il-Kitba | | IT-TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| | ___ / 15 | ___ / 85 | | ___ / 100 |

**Rimarki speċjali mill-għalliema:**

______________________________________

______________________________________

______________________________________

## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sewwa l-istorja**

# Runa, il-Fekruna tal-Baħar



Kien lejn l-aħħar ta' Ġunju meta twieldet Runa, il-fekruna ċkejkna tal-baħar. Tgħidx kemm ferħu biha ommha u missierha! Tgħidx x'għamlu n-nanniet tagħha u kemm ftaħru biha mal-ħbieb tagħhom. **(par.1)**

Runa bdiet tikber bil-mod il-mod. Kuljum titgħallem xi ħaġa ġdida. Imma ħej, kienet tagħmel wisq ta' rasha! Jekk iddaħħal xi ħsieb f'moħħha, tkun trid tagħmlu żgur. In-nanna spiss kienet tgħidilha biex tibqa' viċin ta' xi ħadd kbir u mhux meta jfettlilha taqbad u titlaq għal riħha. **(par.2)**

Għodwa waħda, Runa qamet kmieni aktar minn kulħadd. "Issa ċ-ċans li ndur dawra waħdi. Issa jien kbira biżżejjed!" qalet Runa f'qalbha hi u tħares madwarha. Qabdet u telqet inkiss inkiss u bdiet tielgħa lejn il-wiċċ tal-ilma. "Kemm huwa sabiħ il-baħar hawn fuq! Kemm jinħass sħun! Xi pjaċir hawn!" ħasbet il-fekruna mqarba. **(par.3)**

Tferfira qawwija fl-ilma maġenbha ħasditha. "X'kien dan il-ħoss?" staqsiet Runa lilha nnifisha. Ħarset u rat ħuta tiċċaqlaq ħafna f'wiċċ l-ilma. Dak il-ħin il-fekruna ċkejkna ħasset ġuħ kbir f'żaqqha. Resqet bil-mod il-mod u fetħet ħalqha beraħ. "Ajma x'ikla tajba din!" ferħet Runa**. (par.4)**

Fid-daqqa u l-ħin inħasdet għax ħasset lil xi ħadd jiġbidha 'l isfel minn sieqha ta' wara. Rat il-ħuta titlaq 'il bogħod minnha. Ħarset warajha u rat lin-nannu jiġbidha kemm jiflaħ. "X'inhu jiġri f'daqqa waħda?" werżqet Runa. **(par.5)**

**"**Irringrazzja lill-Bambin li salvak in-nannu. Ma' dik il-ħuta kien hemm moħbija sunnara kbira li tefgħu s-sajjieda. Kieku kilt il-ħuta kont tinqabad int ukoll, " spjegatilha ommha xi ftit irrabjata. Runa kienet għadha mwerwra u ma tafx x'taqbad tgħid. **(par.6)**

"Ħudha bħala tagħlima għal darb'oħra. Qatt titbiegħed minn ħdejn il-ġenituri bla permess. Tista' tweġġa' inti u tinkwieta lilna," qalet in-nanna fekruna bid-dmugħ f'għajnejha waqt li għannqet waħda twila lil Runa. **(par.7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ai. Aqra, ifhem u wieġeb tajjeb skont l-istorja li għadek kemm qrajt.**

StudentBounty.com

**1.** Agħżel **żewġ** tweġibiet tajbin billi timmarka ✓ fil-kaxxi tagħhom**.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Runa kien l-isem ta' fekruna żgħira tal-baħar. | |
| **b.** | Runa kienet tiddejjaq waħidha. | |
| **ċ.** | Is-sajjieda qabdu lil Runa. | |
| **d.** | In-nanna ta' Runa kienet tħobbha ħafna. | |

**(2 marki)**

**2.** Ikteb **Veru** jew **Falz** ħdejn kull sentenza**.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Runa kienet tobdi ħafna mill-ġenituri tagħha. | |
| **b.** | In-nanniet ta' Runa kienu jħobbuha ħafna. | |
| **ċ.** | Runa nħasdet malli rat il-ħuta tferfer fl-ilma. | |
| **d.** | In-nanna ta' Runa kien jisimha Nuna. | |

**(4 marki)**

**3.** Kif kienet Runa? Immarka ✓ fil-kaxxa **t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Runa kienet fekruna | kwieta u tobdi dejjem. | |
| | | bikkejja u tobdi kultant. | |
| | | ċajtiera u qatt ma tobdi. | |
| | | mqarba u ma tobdix. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **b.** | Runa kienet fekruna | kbira u tħossha kbira. | |
| | | kbira imma tħossha żgħira. | |
| | | żgħira imma tħossha kbira. | |
| | | żgħira u tħossha żgħira. | |

**(2 marki)**

**4.** Ħożż linja taħt il-kelma **li ma taqbilx** mal-oħrajn.
Żomm f'moħħok l-istorja li għadek kemm qrajt. L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **a.** | fekruna | ħuta | baħar | xemx | **karozza** |
| **b.** | nannu | nanna | omm | żiemel | missier |
| **ċ.** | twieldet | resqet | reġa' | qalet | għannqet |
| **d.** | Ġunju | kuljum | għodwa | ħin | kbira |

**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ii. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont l-istorja li għadek kemm qrajt. Ikteb Ma**

**1.** Għaliex ħadet gost Runa meta telgħet fil-wiċċ tal-ilma? **(par. 3)**

_______________________________________________**(marka)**

**2.** X'ħasset f'żaqqha Runa hekk kif rat il-ħuta tiċċaqlaq? **(par. 4)**

_______________________________________________**(marka)**

**3.** Mill-istorja li qrajt **fisser fi kliemek:**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | tagħmel wisq ta' rasha **(par. 2)** | |
| **b.** | titlaq għal riħha **(par. 2)** | |
| **ċ.** | fid-daqqa u l-ħin **(par. 5)** | |
| **d.** | bid-dmugħ f'għajnejha **(par. 7)** | |

**(4 marki)**

**4.** Poġġi dawn is-sentenzi **fl-ordni** skont kif ġrat l-istorja**.**
**Agħtihom numru** kif għandhom jiġu wara xulxin. L-ewwel waħda hija lesta.

| | |
|---|---|
| In-nannu salva lil Runa mis-sunnara tas-sajjieda. | |
| Il-baħar fil-wiċċ kien sħun u sabiħ. | |
| Runa marret iddur dawra waħidha. | **1** |
| Wara li ħadet gost bl-ilma, Runa resqet biex taqbad il-ħuta li rat ħdejha. | |

**(3 marki)**

**5.** Minn **paragrafu 6**, sib u ikteb il-frażi li turi li Runa beżgħet ħafna.

_______________________________________________**(2 marki)**

**6.** X'titgħallem minn din l-istorja? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | |
|---|---|
| **1.** | Simon u Sina marru jaraw ir-(**rota** JEW **roti**) l-ġdida. |
| **2.** | Marlene u Anthony se **(tmur JEW jmorru)** sal-baħar. |
| **3.** | Mhux veru li n-nemel għandhom **(ħamest JEW ħames)** saqajn. |
| **4.** | Id-dar kien hemm erbatax-il **(siġġijiet JEW siġġu**). |
| **5.** | **(Dan JEW Din)** il-ħobża niexfa. |
| **6.** | Illum sejjer sa **(Ħaż-Żabbar JEW Żabbar**). |

**(5 marki)**

**Ċ. Imla l-vojt bil-kelma li l-aktar toqgħod mil-lista tal-kliem.**
**Tnejn minnhom huma żejda. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **kwart** | ~~**folla**~~ | **ħalba** | **gwardarobba** | **kaxxa** | **pakkett** | **serbut** | **riżma** |

| | |
|---|---|
| **1.** | Ħdejn il-bieb ta' Anna nġabret **folla** nies. |
| **2.** | Ommi bagħtitni nixtri _______________ sulfarini. |
| **3.** | Meta kont fil-ġnien rajt _______________ nemel ħiereġ. |
| **4.** | Ilbieraħ għamlet _______________ xita. |
| **5.** | Oħti għandha _______________ ħwejjeġ. |
| **6.** | Ħija xtara _______________ gallettini. |

**(5 marki)**

**D. Aqra din l-istorja u imla l-vojt skont l-għerq li għandek. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Il-Ħadd John **ħareġ** kmieni bir-rota. | **Ħ-R-Ġ** |
| **2.** | Waqt li kien għaddej, qattusa _____________ it-triq. | **Q-S-M** |
| **3.** | John _____________ f'daqqa. | **W-Q-F** |
| **4.** | Huwa _____________ mir-rota. | **N-Ż-L** |
| **5.** | Dak il-ħin _____________ lejn il-qattusa. | **R-S-Q** |
| **6.** | John _____________ il-qattusa u ħadha miegħu d-dar. | **Ġ-B-R** |

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. Aqra din l-istorja u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Tgħidx kemm inħobbuha liz-**zija** Rita. Meta jien u ħija mmorru għandha aral[illegible] [illegible]ilna kolazzjon tajjeb. Taqlilna żewġ bajdiet, żewġ **tadamiet** u żewġ zalzettiet. Wara[illegible] mmorru sal-**ġnien tagħha**. Tgħidx kemm għandha ġnien sabiħ u kbir! Fih ħafna **w**[illegible] fih ukoll mal-**20** siġra tal-larinġ u tal-lumi.

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Ikteb **il-maskil** ta' **zija**: | |
| **2.** | Ikteb **il-plural** ta' **zija**: | |
| **3.** | Ikteb is-singular ta' **tadamiet**: | |
| **4.** | Ikteb **fi kliem** in-numru **20**: | |
| **5.** | Nikteb **ward** bid-**d** għax ngħid: | |
| **6.** | Mill-istorja sib u ikteb **nom proprju**. | |
| **7.** | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv** għall-kelma **ġnien**: | |
| **8.** | Ikteb **fi kliem** in-numru **4,** għal **4 tadamiet**: | |
| **9.** | **"mmorru sal-ġnien tagħha."** Ta' min hu l-ġnien? | |
| **10.** | **Ir-raġel li jieħu ħsieb il-ġnien** ngħidulu: | |

**(10 marki)**

**F. Għadek kemm qomt u mort fil-kċina biex tieħu l-kolazzjon. Illum sejrin sal-Buskett! Kompli dan id-djalogu, fejn hemm INT.**

| | |
|---|---|
| **Missier** | L-għodwa t-tajba! |
| **Omm** | L-għodwa t-tajba! Kemm inħossni għajjiena! |
| **INT** | |
| **Missier** | Lestejt kollox għal-lum? |
| **INT** | |
| **Missier** | Fejn poġġejthom l-affarijiet li se ġġib miegħek? |
| **INT** | |
| **Omm** | Qajjimtha lil oħtok? X'qaltlek? |
| **INT** | |
| **Missier** | La tlesti mill-ikel mur ifrex is-sodda, biex infittxu noħorġu. |
| **INT** | |

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ġ. Dan l-aħħar tgħallimt kif tagħmel il-ġelat. Ikteb slowgan b'Malti s[illegible] il-ġelat li tagħmel inti.**



**(5 marki)**

**G. Ikteb messaġġ sabiħ lin-nanna tiegħek f'għeluq sninha.**



**(5 marki)**

**GĦ. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI fuq WIEĦED minn dawn it-titli. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u Malti tajjeb. (20 marka)**

**1. L-akbar ħbieb tiegħi.**
*Min huma? Fejn tiltaqa' magħhom? X'tagħmel? Għaliex tixtieq tibqa' ħabib magħhom?*

**2. Inċident li rajt.**
*Fejn kont? Meta u x'ħin kien? X'ġara? X'għamilt?*

**3. Immaġina li int siġra fi ġnien.**
*F'liema ġnien tinsab? Min iżurek? Hemm min jieħu ħsiebek? X'tixtieq li jsir biex tħossok aħjar?*

| **Spazju għan-noti (bla marki)** |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru: ____**

StudentBounty.com

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers